IR-RABA' KTIEB TAT-TLETIN SENA

DIĊEMBRU 1954

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GĦADD

L-EDITUR—Wara Tletin Sena faċċ. 97

Ġ. CASSAR PULLICINO—Il-Qarċilla, Bejn Drawwa u Drama f'Malta ,, 100

ĠUŻI ABELA—*Leħen l-Għanja tas-Skiet* ,, 108

PAWLU AQUILINA—*Dawl u Dija* ,, 109

V. M. PELLEGRINI, LL.D.—*Rwiefen* ,, 111

ROB. MIFSUD BONNICI—Mons. Dun Mikiel Franġisk Buttigieg, l-Ewwel Isqof t'Għawdex ,, 112

FREDU NICHOLAS—Rakkont Eġizzjan ,, 118

ĠUŻE' CHETCUTI—*Marija Reġina* ,, 121

VINCENT CARUANA——Il-Bwiet u ta' ġo fihom ,, 122

Reċensjonijiet ,, 125

DIRETTUR: Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Paula.
AMMINISTRATUR: Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

---

*una sposa dalla pasta dell'altezza di tre o quattro palmi in circa, ben ornata e vestita. Vi si pone dentro un cestello, il quale vien posto sul capo di un mascherato con in mano una grande collura o cerchio di pasta pura; costui viene accompagnato da un popolaccio, tra questi chi suona, chi balla, chi canta: quindi dopo un gran giro fatto per le pubbliche vie, si ferma nei cantoni delle stesse strade e chi la fa da notaio leggendo un giocoso ed inventato atto matrimoniale a favore della sposa ivi collocata di pasta a vista di tutti, formato in rima maltese, burlesco e ridicolo, e chi prende altro giocoso uffizio, dopo vari giri, molte ciarle, più cicalate carnivalesche, si mangia la stessa sposa di pasta, indi ubbriacati col vino si da fine alla Karcilla*" (3).

Konna ilna xi snin li ltqajna' ma' din id-deskrizzjoni meta f'manuskritt ieħor tal-Bibljoteka (4) sibna *Copia di un Contratto di matrimonio in lingua maltese, burlesco, che si recita dalle maschere nel Carnevale.* Dan il-kuntratt qiegħed f'wieħed mit-23 volum manusckritti mħollijin minn I. S. Mifsud u minnu msemmija *Stromati.* Il-kopja tal-kuntratt, li tieħu ħmistax-il faċċata, tidher imniżżla fil-werrej tal-manuskritt imma għal xi raġuni jew oħra ma tniżżletx fil-*Catalogo dei Codici e dei Manoscritti inediti*, maħruġ fl-1856 fi żmien il-Bibljotekarju Cesare Vassallo. Il-kitba ma tingħarafx malajr, imma jekk toqgħod tifhem mis-sens bis-sabar kollu fl-aħħar jirnexxilek taqra dan il-kuntratt, u tinduna wkoll li għalkemm ma hemm l-ebda taqsim ta' versi, il-biċċa l-kbira tal-versi jirrimaw, kif hemm imsemmi fit-tagħrif imħolli minn De Soldanis.

---

(3) Il-Ms. 143 A huwa kopja pulita tal-Ms. 143 D, u tista' tgħid li jaqblu f'kollox. Imma xi kultant it-tifsir u t-tagħrif li jingħata fil-Ms. 143 D fih xi dettalji li ma jidhrux fl-ieħor. Hekk fil-każ tal-*Qarċilla* nsibu xi tibdil ċkejken fl-aħħar biċċa tat-tifsira li tinqara hekk: "*......chi canta, così dopo un gran giro per le pubbliche vie recitando in ogni cantonata uno che la fa da notaio carnevalesco legge l'atto matrimoniale a favore della sposa ivi collocata a vista di tutti, formato in rima maltese, burlesco e ridicolo, che in più maniere gira per la mano di questi notai di Carnevale; dopo di essere stancati, fatta notte ogni cosa viene divorata da seguaci, e con una ubriacata si da il fine della Karcella*" (R.M.L. Ms. 143 D, f. 237, r). Dettall importanti ħafna li nsibu hawnhekk huwa li dil-kitba taż-żwieġ imqabbla kienet tiġri fl-idejn fost dawk li jagħmluha ta' Nutar fil-ġranet tal-Karnival. Jiġifieri d-drawwa kienet imxerrda ħafna u diġà kien hemm bosta varjanti tal-kuntratt imqabbel.

(4) R.M.L. Ms. 3, pp. 412-426.

Bħalma tistgħu taħsbu, il-versi huma mimlijin ċajt goff, u ħafna minnhom mhumiex xierqa li jidhru stampati, imma mbagħad hemm bċejjeċ li juru tassew ħila fit-tqabbil tal-versi, u l-vokabularju għandu interess ukoll għal min irid jistudja l-isvilupp tal-Malti bħala lsien miktub. Inġibu hawn xi bċejjeċ li jagħtu ħjiel ta' l-istil u l-kontenut ta' dal-kuntratt imqabbel.

Iż-żwieġ taparsi jsir quddiem il-Manifku Nutar Pierotti Agrighentino, "quello che non beve poco vino", u s-sena tissemma li hi l-1760.. Wara preambolu twil fejn jitlob li "minn dak li qed naqralkom ħadd m'għandu jimnaħni", in-nutar iżid igħid :

*Inġemgħu kumpannija*
*W araw ħaġa mibdija*
*Li hi ż-żwieġ la Maltija.*

Iż-żwieġ sa jsir bejn "Nwejża, ta' Zenba u Pietru, bin Sidor" u "Żejpu l-Agħma, bin Demmuċ u Vennura", u mbagħad tibda tinqara d-dota :

*Tagħtih l-ewwel nett*
*Għalqa ta' żewġ ħjut* (5).
*u swejqa bla għanqbut*
*muswafa mill-banda ta' fuq*
*fil-kontrada ta' rdum fost il-widien*
*u hija l-aħjar fost il-ġirien;*
appellatur "*ta' lembuba*",
*f'banda sigrieta minsuba*
*igħidulha Id-Dellija*
*tiswa inqas minn mija,*
*imdawra bis-sisien*
*ġewwa fiha hemm l-għarqien*
*u fiha l-ilma minn kullimkien......*
Insibu wkoll imsemmi li
*wkoll tagħtih nofs il-ħmar*
*li kien artab u kien il-ħajja tad-dar,*
*u għandu siequ l-leminija*
*fiha n-nemmelija......*

---

(5) *Ħjut*: Dil-kelma fis-sens tagħha hawnhekk tfisser *ħitan*.

U barra minn hekk
*tagħtih miegħu kappestru tal-ħarir*
*li fi żmien kien ħabel ta' żir,*
*u flok il-farda tagħtih tapit ħamrani*
*li sar kollu galani......*
kif ukoll
*gorboġ u gallinar*
*biex jistrieħu f'nofs in-nhar;*
*u sodda ta' żewġ xorok*
*biex ma jsibux x'jieħdu t-Torok,*
*u tagħtih żewġ imtieraħ*
*il-wieħed bla suf u l-ieħor fieragħ......*
Flimkien ma' dawn
*ukoll tagħtih senduq*
*la fih qiegħ isfel u lanqas għatu fuq*
*u bit-tavli ta' l-iġnieb*
*nannuha għamel il-bieb......*
Fost ħwejjeġ oħra
*ukoll tagħtih newl ġdid*
*li nannitha nisġet fih ftit,*
*biċċa nieqes, biċċa mkisser,*
*kif inhuwa hawna mniżżel;*
*jonqsu l-ewwelnett il-waqqafiet*
*li kien missierha għamilhom ġos-sbeniet*
*u la fih moxt lanqas mekkuk*
*u la msierek u lanqas lenbub,*
*la mitwa isfel u lanqas fuq;*
*u l-felka u ż-żerkuna*
*saru kull biċċa daqs kemmuna*
*u d-deff u n-nir kollha miksura......*
Iktar :
*Tagħtih raddiena mingħajr medda*
*u tużżana lożor ta' nofs kedda,*
*u pannell ta' l-ewwel xedda,*
*u l-mobbli u l-istabbli*
*biex xħin jimrad ma jmurx il-Kurabbli......*
*tagħtih ukoll flixkun u qarraba*
*li kienu t'ommha t-tallaba*
*u tużżana nkwatri kull wieħed daqs qanniċċ*
*ma fihom u la xoqqa u lanqas gwarniċ,*

*pinġuti b'pinna fina*
*li kienu qamulu inqas minn ċinkwina,*
*u taghtih inkwatru ieħor indurat*
*li fih pinġuta l-arma ta' l-ifrat,*
*u għandu edan l-inkwatru*
*iżommu fuq il-bieb*
*biex ikun l-arma tiegħu ta' ħbieb......*

Fost il-pattijiet ta' l-aħħar insibu :

*Ukoll tagħmillu patt 'l-għarus*
*m'għandux iżewweġ 'l uliedu man-Naxxarin,*
*għax rifsu l-bandiera ta' Birkirkara*
*u kienu nies kefrin.*

U iktar 'il quddiem insibu dan :

*Ukoll tagħmillu patt*
*li l-għarusa hija tewmija*
*u minn wara ftit ħotbija*
*widnejha naqra kbar*
*jixbhu lil tal-ħmar;*
*u ħalqha nitfa kbir,*
*ġeddumha bħal tal-ħanżir;*
*imneħirha daqs l-Imdina*
*li f'wiċċha jagħmlilha żina,*
*u kull min jiġi jżurha*
*tilqgħu u ddaħħlu ġewwa l-kċina;*
*għajnejha żina fuq il-ħabbtejn,*
*minn waħda għamja werċa*
*u mill-oħra ma tara xejn.*

Barra minn hekk :

*Ukoll tagħmillu patt*
*li għandu jeħodha*
*l-Imnarja u San Girgor,*
*iqiegħdha fuq il-ħajt,*
*u xħin tispiedi l-festa*
*jixtrilha xriek qubbajt.*

Dal-bċejjeċ li tajna huma biżżejjed biex juru illi l-versi kienu jixirqu ħafna għall-granet tal-Karnval. Fit-taqbil hemm ċertu ħsieb argut li jogħġob lill-poplu, u ċ-ċajt jiftiehem mill-ewwel bla tbatija. Imma sew imħabba d-dettalji li fih kif ukoll imħabba l-forma legali u xi espressjonijiet tan-nutari, jidher il dal-kuntratt ma setax kien ħolqien il-poplu. U dan stajna naċċertawh

ukoll il-għaliex, fil-Ms. Nru. 1 tal-Bibljoteka ltqajna ma' ittra, miktuba mit-tabib Malti Giuseppe Demarco lil I. S. Mifsud li diġà semmejna, fejn insibu tagħrif dwar il-ħajja letterarja tas-saċerdot D. Felice Demarco, ħu Giuseppe, imwieled Bormla fid-9 ta' Novembru, 1713. U sewwa sew f'din l-ittra naqraw : "*Felice si mostrò la vena poetica. Nel verseggiare cotante facile ed avvezzo che tanto nelle serie come nelle burlesche non piccoli saggi abbia dato, delle sue in questo genere, felicità. Corre ancora tra molti il suo matrimonio maltese, nel quale vederà...... dei contraenti, ridotto in rima maltese, perchè servisse di passatempo carnivalesco*" (6). Minn dan naraw illi l-kelmiet ta' l-att taż-żwieġ ma kenux ilhom wisq li nkitbu meta De Soldanis fisser x'inhija l-Qarċilla fid-dizzjunarju tiegħu. Kienu biss żieda li saret fis-seklu tmintax, ma' elementi u motivi wisq eqdem ta' drawwa li kienet stabbiliet ruħha bħala mogħdija taż-żmien għan-nies tar-rħula.

Imma l-istorja tal-kitba taż-żwieġ imqabbla ma tieqafx hawn. Sa mitt sena ilu kienet għadha magħrufa u mogħġuba mill-popolu u fl-1864 deher stampat ktejjeb ta' seba' paġni jismu *Zwieg La Maltia*, magħmul biex jagħti ħjiel ta' xeħta drammatika b'ismijiet ta' persunaġġi fittizji. Id-doppjusens hawnhekk jispiċċa għal kollox : il-metru jinħass l-istess u r-rima hija wkoll imbewsa bħal dik tal-Ms. li semmejna. Imma xi motivi ġodda żdiedu, oħrajn jieħdu l-post ta' dawk li jidhru fil-versjoni tas-seklu 18, u hemm ukoll imsemmija ġrajja li kienu għadhom ma sarux meta nkiteb il-Ms. mitt sena qabel. Ngħidu aħna din il-biċċa :

*Tagħti wkoll qalziet tad-dokk,*
*dan jiftakar żgur l-Imblokk,*
*par stvaletti l-iktar fin*
*jaf l-Irvell tal-Qassisin.*

Insibu wkoll imsemmija xi drawwiet qodma tal-għerusija u tat-tiġijiet Maltin li l-lum inqatgħu : ngħidu aħna li l-għarus kien iġib miegħu x-xatrambatra, jew li n-Nutar li jagħmel il-kitba taż-żwieġ jitqiegħed għall-ikla tat-tieġ f'ras il-mejda, u jxarrab karfusa fl-inbid tal-għarusa u tal-għarus.

Sena wara, fl-1865, ħareġ ktejjeb ieħor ta' 15-il paġna, jismu *Chitba Ta Zuieg stenduta min-Nutar Giomu Cepcep fit-18 ta'*

(6) R.M.L. Ms. 1, p. 14.

*Frar tal 1865, fl-istess magħmula għal Għana*, li reġgħet imbagħad deħret fl-1889. Hawnhekk il-kitba hija iktar drammatizzata, il-versi jitbiegħdu sewwa minn dawk tal-Ms. sew għal dik li hi rima kemm ukoll fl-ideat, li jinħassu affettati. Hekk naqraw li mad-dota l-għarus ħa :

*Dar li fiha ħdax-il kamra*
*Kompriż kollox, sal-kantina;*
*faċċa front il-bieb, hemm tamra*
*u siġra oħra wkoll ħdej' dina.*

*Ġnien mill-isbaħ bosta mfaħħar*
*fih kull ma jixtieq il-fomm.*
*il-frott kollu mill-imwaħħar*
*dak sinjal li l-art iżżomm.*

*Fih it-tin ta' Zondadari*
*fih parsott, fih farkizzan,*
*fih imbagħad eluf ta' qsari*
*waħda minnhom daqs xitan.*

*Fih larinġ bid-dewwedija,*
*fih xi erba' purgulati;*
*fih għambaqra, fih lumija,*
*fih rummiena, fih ġelati......*

Dawn il-versjonijiet stampati donnhom iżidu jsaħħu t-tifsira li rridu nagħtu aħna lil din id-drawwa tal-*Qarċilla* li semmejna fil-bidu, jiġifieri li kien hemm fiha elementi drammatiċi qodma li maż-żmien ittieħdu u tħaddmu minn xi kittieba u baqgħu jiġu mużjuda u elaborati wara li daħlet l-istampa ħielsa f'Malta fl-1838. U tabilħaqq, jekk inħallu barra l-kelmiet ta' l-att taż-żwieġ u niflu sewwa d-drawwa tal-*Qarċilla* kif kienet f'nofs is-seklu tmintax, naraw li kien hemm xi elementi primitivi ta' drama li jmu l-qedem tagħha. Għandna att xeniku li kien jingħata fil-kantunieri tat-toroq, quddiem kulħadd; għandna wieħed maskarat iġorr l-għarusa tal-għaġina fuq rasu; għandna oħrajn jieħdu parti min ta' nutar u min ta' xi ħaġa oħra "*e chi prende altro giocoso offizio*", u fl-aħħarnett, qabel jispiċċa kollox, kulħadd jisker u fost ix-xengil u l-għajat iqattgħu l-*għarusa* u jekluha. Mela

għandna l-azzjoni, li hi ż-żerriegħa ta' kull drama, b'persunaġġi ħajjin u oħrajn sostitwiti minn xbieha.

Sir Edmund K. Chambers kiteb illi "a primitive *ludus* still performed by the folk on seasonal occasions may be expected to have some significance other than that of mere amusement......" (7). U hekk jidher illi l-*Qarċilla* għandha tifsira oħra barra dik ta' mogħdija taż-żmien għall-poplu. Il-*qarċilla*, jew kagħka kbira, hija tal-għaġina, bħalma tal-għaġina wkoll hija l-*għarusa* li jġorr fuq rasu l-istess maskarat li jkollu l-*qarċilla* f'idu. Fl-istess ġranet tal-Karnival niltaqgħu ma' *għarusa* oħra, did-darba tal-Parata. Issa dawn iż-żewġ ideat, l-*għarusa* u l-*qarċilla* li ssir mill-uċuħ tar-raba', huma marbutin sfiq mal-kult tal-fertilità li kien imxerred ħafna ma' kullimkien fil-qedem. U fid-drawwa tagħna bħal naraw fdalijiet ta' xi rit qadim li kien jagħmel sehem minn dan il-kult. Tfakkarna l-*għarusa* ta' dal-ġranet tal-Karnival f'dawk il-*corn maidens* li f'ħafna bnadi tad-dinja kienu jfissru, taħt sura li tidher, l-ispirtu tal-ħajja ta' l-uċuħ tar-raba'. L-għajat u ż-żfin u s-sokor tan-nies madwar l-*għarusa* jfakkarna fid-drawwiet ritwali ta' Djonisju, li l-kult tiegħu kien xtered f'ħafna pajjiżi minn ġot-Traċja. Djonisju wkoll kien alla tal-qamħ u tal-biedja, u skond il-leġġenda, l-għedewwa tiegħu kienu qattgħuh bċejjeċ u keluh imma wara reġa' rxoxta u qam għall-ħajja. U fil-festa tiegħu, li kienet issir kull sentejn, kienu jiġġeddu xeni u dettalji ta' din il-mewta ta' Djonisju, u kienu joqtlu barri jew gidi u jekluh. Imma f'xi postijiet, ngħidu aħna f'Chios u f'Tenedos, kienu jqattgħu bċejjeċ bniedem ħaj, u f'Orchomenus, il-vittma kienet tkun mara mnissla minn familja rjali qadima (8). Ħafna drabi jiġri li fi drawwiet bħal dawn titnaqqas il-ħruxija tar-rit meta tgħaddi minn post għal ieħor, jew meta jilħaq jgħaddi bosta żmien, u għalhekk ma nistagħġbux jekk dan ukoll ġara Malta fi żmien ilu ħafna, u hekk flok ma tinqatel mara veru bdiet tinġarr xbieha ta' mara, l-*għarusa*, li mbagħad kienet tittiekel. U ma nistagħġbux jekk ġara dan hawn. Nafu li fil-Messiku, fost l-Azteki, kien hemm drawwa tixbah ħafna lil tagħna qabel ma marru l-Ispanjoli. Darbtejn fis-sena, f'Mejju u f'Diċembru, kienu jagħmlu xbieha ta' l-alla tagħhom Huitzilopochli

(7) Chambers, E.K.: *The English Folkplay*, p. 216.
(8) Frazer, J.G.: *The Golden Bough*, Abridged edition in one volume. New York, Macmillan, 1947, p. 392.

jew Vitzilipuztli, xbieha tal-għaġina li wara kienet tittiekel minnies li jkun hemm (9).

Minn dan li għidna nistgħu ngħidu li fid-drawwa tal-*Qarċilla* għandna fdalijiet ta' xi rit qadim li kien isir qabel għeluq ix-xitwa, qabel ma terġa' sena ta' ħdura u ta' wċuħ kotrana. Hemm ukoll f'dawn il-fdalijiet rabta mal-kult ta' Djonisju bħala alla tal-biedja kif ukoll bħala protettur tad-dielja u tax-xorb. Dwar il-biċċa ta' l-aħħar taż-żwieġ, imbagħad, din għandha tirqies għaliha, bħala żieda li saret wisq wara, u li tista' tixħet dawl fuq il-bidu tat-teatru komiku Malti.

(9) *Ibidem*, p. 488.

## LEHEN L-GĦANJA TAS-SKIET

*Ta'* ĠUŻI ABELA

Inħossha qed tidwi
  qed tidwi f'widnejja
il-għanja ta' ħajja
  ta' ħajja fis-skiet.

Inħossha qed toqrob
  qed toqrob ftit lejja,
u f'qalbi qed tfawwar
  qed tfawwar ħlewwiet.

Inħossha saħħritni
  saħħritni u tajritni,
tellgħetni fil-għoli,
  'il fuq, fis-smewwiet.

Kont waħdi qed naħseb
  f'mixjiti għajjiena
xħin leħen sejjaħli,
  sejjaħli bil-ħniena.

U jien ħriġt minn triqti,
  fittixtu madwari,
fittixtu fil-ġonna,
  fittixtu fix-xagħri.

U għadni niġġerra
  f'did-dalma madwari,
u għadu jsejjaħli
  il-leħen ta' dari.

Corpus Christi College,
Victoria, Australia.

## DAWL U DIJA

*Ta'* Pawlu Aquilina

L-Ave Marija!...
Niżlet ix-xemx xitwija,
Wara s-Salib ta' l-Għolja.
Wiċċha kien aħmar nar bħal tal-pepprina.
Ħallet warajha,
Fis-sema blù u k'esaħ sew biż-żiffa,
Bħal swaba' twal, ħamrana,
Rotob, ħanina, wtieqa...
Li żegħlu bil-ħlejqiet ta' min ħalaqhom,
U taw il-ħajja ta' kuljum mixtieqa.

Intfiet il-ħmura...
Il-blù tas-sema qed jiswied u jsewwed
Kull ma taħt sidru jilma:
Il-baħar, l-għolja, il-wied twil, il-wita.
Dieħel il-lejl,
Ikeffen,
Fid-dalma tiegħu kull maħluq u ħlejqa.
Ġa mietu l-ħsejjes li joħonqu l-ħajja;
Isaltan ħelu ħelu qed jinfirex
Is-skiet ħanin u ħlejju.

Kwiekeb tal-fidda,
Xirfu fis-sema jpetptu;
Itertru bil-bard x'eref ta' Diċembru.
Mijiet... eluf ta' ġamriet sħan jitbissmu,
Imlew is-sema tagħna.
Tawna ftit dawl u nkisret
Il-qoxra iebsa u sewda li keffnitna
U qalbna reġgħet tbissmet,
Mimlija ferħ u faraġ, risq u tama,
Li s-sebħ qed joqrob biex iżernaq magħna.

*   *   *

Daqq nofs il-lejl...
U sebaħ f'daqqa waħda!
Is-sema mimli dija,
U kant u għana ta' ħlejqiet moħbija.

Il-ħemda nkisret, kulħadd qam u stenbaħ
Minn ngħas u r-raqda twila...
Kulħadd qed jgħammex
Għajnejh imbexxqa lejn is-sema mdawla
B'elf dija bajdanija
Tal-kwiekeb li iddew daqshekk qawwija.

Infetħu d-djar...
U barra
Hareġ kulħadd jistaqsi kif hekk sebaħ,
U kif is-sema mtela' kant u dija.
U ġrew it-tfal u l-kbar fil-misraħ ċkejken
Tar-raħal tagħhom fqajjar.
Kulħadd mixtieq, jistaqsi,
Tifsir il-ġrajja kbira,
Li sebaħ f'nofs il-lejl u jidwi s-sema
Bil-kant u l-ilħna ħelwa, ferreħija.

Weġibhom Anġlu sbejjaħ...
Abjad bħas-silġ... jittajjar...
Imdawwar,
Bi qtajja' t'anġli jgħannu ferreħija.
U lissen leħnu ħlejju:
"Twieled, ja ħbieb, Bin Alla!
"Is-sema u l-art mimlija,
"Bil-ferħ u l-hena u bid-dawl u d-dija,
"Ta' seħer artna sbejħa,
"Tal-ġenna tagħna mbierka..."

U żied il-kant u l-għana
Ta' l-anġli ferħanin...
Is-sema far u mewweġ kollu dija
U fewħet l-arja inċens u ġiżimin.

Fuq nofs il-misraħ sewwa,
Feġġet tas-sema kewkba...
Kbira, sabiħa, tilma,
Xuxitha twila, twila...
Ġo nofs il-folla nieżla,
Ta' tfal u xjuħ u żgħażagħ.

Jitolbu ferħanin, b'rashom baxxuta,
Madwar maxtura ċkejkna...
Twieled Bin Alla fiha!
Fil-faqar...... u tarbija!...

L-24 ta' Novembru, 1954

---

## RWIEFEN

*Ta'* V. M. PELLEGRINI

X'ħaġa hawn iktar ta' dwejjaq
minn dik meta l-poeta
isib ruħu fallut
bla ebda ideat ġodda
bla ebda tmellis għaxqi ta' xi rima
jew armonija ta' vrus
li jqanqlu u jogħġbu?

Issa l-ward xejn ma jgħidli,
il-kwiekeb donnhom resqu
iktar fil-għoli,
il-baħar ifakkarni biss fil-qabar;
fl-għelieqi, qalb il-ħdura
u l-għana ta' l-għasafar ferreħin,
għalxejn nixtieq is-sabar.

F'dal-falliment jesplodu fija
rwiefen tal-biża';
inħoss li għandi l-għana
iżda jonqosni ċ-ċwievet
li jiftħu dat-teżori;
inħossni li għandi l-ħajja
iżda narani riesaq dritt lejn mewti.
il-mewt ta' ruħi,
għax fil-ġisem b'saħħti.

# Monsinjur Dun Mikiel Frangisk Buttigieg L-Ewwel Isqof t'Għawdex

*Ta'* ROBERT MIFSUD BONNICI

MIKELINU twieled il-Qala, Għawdex, fit-3 ta Novembru, 1793. Għadu tfal, ġħuli u ntelliġenti wera ħerqa kbira għall-iskola. Missieru u ommu, għad li ta' bla skola wieġbu għal dmir-hom u b'sagrifiċċji kbar, liebes ta' abbati, bagħtuh jistudja Malta fil-Belt Valletta. Mikelinu, imbiegħed mill-ġenituri tiegħu, żamm ruħu fil-paċi ma' Alla, fil-knisje jservih ta' abbati u fl-iskola ta' skular ta' rieda tajba. Għadu żagħżugħ tkisser tajjeb fil-letteratura u l-filosofija fl-Università taħt il-Professuri Ferroni tal-Patrijiet Minuri Konventwali, u Vella ta' l-Agostinjani; studja t-teoloġija morali u d-dommatika taħt ix-xjenzjat Dun Pietru Mallia u kiseb id-dottorat bl-unuri mistħoqqa.

Matul it-tqallib soċjali f'Malta ta' l-1798-1812, Mikelinu ma tilefx għaqlu wara x-xejxi tad-dinja u l-wegħdiet fiergħa tal-Franċiżi f'Malta li qajla kienu jenunnu bi Kristu u l-Vanġelu tiegħu. Fl-1816, ta' 23 sena, ġie ikkonsagrat saċerdot mill-Arċisqof Malti Fra Ferd'nandu Mattei, l-ewwel Isqof ta' Malta. Dun Mikiel baqa' jaħdem b'ħerqa kbira fil-qasam tal-Mulej : narawh Konfessur fl-Insinji Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu; Kappillan tal-Kor fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann li kienet għadha kif saret Knisja Konkattidrali ; Assistent tal-'Bona Morte' tal-Qassisin fil-knisja ta' San Ġakbu.

Fl-1823 narawh f'Għawdex Kappillan tax-Xagħra jibki u jifraħ ma' wliedu, igħin il-fqar, ifarraġ lil-imnikktin, ireġġa' għall-ħajja l-mejtin fid-dnub, iżur il-morda, jipprietka, igħallem, jassisti lill-kolerużi b'qalb vera ta' Samaritan meta fl-1837, għal xhur sħaħ, il-kolera bdiet taħsad il-ħajja ta' mijiet u tefgħet f'waħx kbir lil Malta u Għawdex. L-istorjografu Enrico Naudi (1) jgħarrafna li f'dan iż-żmien, id-dar tal-Kappillan tax-Xagħra sfat fi knisja, f'kull ħin b'ħafna penitenti jistennewh biex iqararhom u jħabbibhom ma' Alla. Kien il-veru eroj tal-karità.

---

(1) Kiteb: "*Biografia di Mons. D. Michele F. Buttigieg Primo Vescovo del Gozo*" Malta (1866)—Nota ta' l-Editur.

Il-prietki ta' Dun Mikiel kienu dejjem ta' stil popolari, sempliċi u li jolqtu l-qalb. Ma kienx jittajjar fl-istratosfera tal-filosofija, it-teoloġija, id-dommatika; suġġett ewlieni tiegħu: Kristu Msallab mill-Midinbin għall-ġid tal-Midinbin.

Fl-1848, f'konkors, bejn 17 kollegi oħra, Dun Mikiel ħareġ l-ewwel, u bl-approvazzjoni ta' l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Publju M. Sant sar Arċipriet Kurat tal-Knisja Matriċi u Insinji Kolleġġjata ta' Għawdex. Għalew għalih in-nies tax-Xagħra għax tilfu Missier Benefattur, u feraħ Għawdex bi ħġaru. Dun Mikiel fil-kariga għolja tiegħu għaraf iżomm ruħu umli u rispettat minn kulħadd: kleru u poplu. Kien devot kbir tal-Madonna u tar-Rużarju.

Għall-ġid spiritwali tal-Għawdxin, il-Q.T. Papa Piju IX għoġbu jgħolli l-Knisja Għawdxija fi grad ta' "dijoċesi". B'rakkomandazzjoni ta' Mons. Isqof Pace Forno, Dun Mikiel ġie maħtur Isqof Awżiljarju. Fis-16 ta' Marzu, 1863, Mons. Dun Mikiel Buttigieg ġie approvat Isqof ta' Lita "in partibus infidelium" u fit-22 ta' Settembru, 1864, b'soddisfazzjon kbir tal-Għawdxin kollha saret id-dismembrazzjoni tad-Dijoċesi ta' Għawdex minn dik ta' Malta.

Fit-23 ta' Settembru, 1864, wara 30 sena li l-poplu Għawdxi kien ilu jittama u jistenna, minn Ruma waslet il-bxara li l-Q.T. Papa Piju IX, fil-Konċistoru tat-22 ta' Settembru, 1864, grazzjożament ħatar lill-Mons. Michele Francesco Buttigieg, Isqof ta' Lita, bħala l-Ewwel Dijoċesan tal-Gżira ta' Għawdex u għolla l-Kolleġġjata għad-dinjità ta' Knisja Kattedrali.

L-aħbar waslet lin-Negozjant is-Sur Anton Pawlu Vella, Għawdxi jgħammar f'Malta, wieħed minn dawk li ħadmu u ħabirku għal dan l-iskop. L-Għawdxin ferħu fuq li ferħu, malajr twaqqaf kumitat magħmul mill-ogħla nies tal-Gżira sabiex iħejji programm ta' festi li ġew fissati għat-22, 23 u 24 ta' Ottubru, 1864. Somma ta' flus miġbura laħqet £200, għal dak iż-żmien issarraf £2000 tal-lum.

Fit-12 ta' Ottubru waslu Malta l-Kan. Dun Savier Formosa u r-Rev. Dun Pawl Camilleri li kienu marru Ruma biex jiddefendu din il-grazzja u jaqilgħu l-approvazzjoni tas-Sante Sede. Irnexxielhom u magħhom ġiebu l-Bolli Pontifiċji.

Fl-14, iż-żewġ Saċerdoti Deputati waslu flimkien mad-Dekan tal-Kattidral ta' Malta Mons. Dr. Luigi Fernandez, li ġie magħżul mis-Santa Sede Delegat Apostoliku biex jesegwixxi l-

Ittri Apostoliċi. Saritilhom laqgħa xierqa fl-Imġarr u fid-dar tal-Maġistrat Falzon. Miegħu, id-Delegat wassal ukoll il-ferħ u t-tislijiet tal-Gvernatur Le Marchant lill-Mons. Isqof il-ġdid, lill-Kleru u 'l-poplu Għawdxi. Waslu r-Rabat filgħaxija, u fost il-ferħ tal-poplu baqgħu sejrin fil-Kunvent ta' Santu Wistin. F'din l-istess lejla, is-Segretarju ta' Mons. Isqof Buttigieg il-Kan. Kantur M.A. Garroni u r-Rev.di Kan.ċi Bondì u Mercieca, magħżulin mill-Kapitlu, għamlu żjara formali lid-Delegat f'isem l-Isqof. Saru wkoll żjajjar bejn id-Delegat u l-Isqof u l-Isqof u d-Delegat. Fl-"Aula Capitolare" nqara indirizz ta' ferħ, ħajr u ġieħ lill-Papa u lill-Mons. Delegat. Wara nofs in-nhar, Mons. Isqof radd iż-żjara u mbagħad ħarġu flimkien fil-karrozza qalb il-folol ta' nies mitlufin bil-ferħ. Marru x-Xewkija u n-Nadur, ġew milqugħin bid-daqq tal-qniepen, l-isparar u l-għajat ta' ferħ. Wara żjara qasira lir-Rev. Kurat tan-Nadur irritornaw ir-Rabat fost l-għajat ta' "viva l-Isqof!" "viva d-Delegat"

Fl-20 ta' Ottubru, iż-żewġ Prelati żaru x-Xagħra fejn Mons. Buttigieg dam 25 sena Kappillan. Hawn saritilhom laqgħa bil-kif. Fil-21 ta' Ottubru, il-qniepen tal-knejjes kollha ta' Għawdex, l-isparar mill-Gran Kastell u d-daqq tal-"God save the Queen" u l-Innu tal-Papa fit-Tokk tar-Rabat, minn "Banda musicale"(1), fost it-tixjir tal-bnadar u ċ-ċapċip, ħabbru l-Ingress u l-Pussess ta' l-Ewwel Isqof ta' Għawdex.

Filgħodu, fit-22, id-Delegat Apostoliku proċessjonalment twassal fil-Knisja Matriċi mill-Kapitlu; wara viżta lis-Santissimu qagħad bilqiegħda taħt it-tron fuq il-presbiterju n-naħa ta' l-Epistola u madwaru qagħdu t-23 Kanonku u 7 xhieda, l-ogħla persunaġġi tal-Gżira. F'ħemda kbira, id-Delegat qara l-att pontifiċju tat-twaqqif tad-Dijoċesi ġdida, imbagħad tela' fuq l-artal u l-Kanonċi, wieħed wieħed, irċevew l-investitura ta' "Canonici Capitolari", u bħala ġurament ta' fedeltà biesu l-artal u daħlu fil-kor kull wieħed fil-post assenjat tiegħu. Iċ-ċerimonja ntemmet bil-kant tat-Te Deum alternat u b'mużika tal-Kan. Kap. Dun Ġorġ Mercieca (2).

Wara nofs in-nhar, fis-2.30, Mons. Deleġat akkompanjat

---

(1) Dak iż-żmien, il-Baned ta' Malta u Għawdex xejn ma kienu bħal tal-lum, kienu jikkonsistu minn 6 sa 8 min-nies idoqqu aktar bil-widna milli bil-mużika. Ara "Grajja tal-Mużika f'Malta u Għawdex" ta' Rob. Mifsud Bonnici.

(2) Rob. Mifsud Bonnici: Muż. Komp. Maltin u Għawdxin, paġ. 108.

mill-Kan. Kap. Dun Karl Bondì wasal fil-Kattidral biex jagħtih il-pussess bħala Prokuratur ta' Mons. Buttigieg quddiem kotra kbira ta' Għawdxin u Maltin. Mons. Delegat, bilqiegħda fuq pultruna, sama' l-Kanċellier jaqra l-att ta' prokura magħmul minn Mons. P. Buttigieg li bih ħatar lil Mons. Bondì bħala Prokuratur tiegħu u l-qari tal-Bolla indirizzata lill-Kapitlu dwar id-dmir sagrusant ta' l-ubbidjenza tiegħu lejn l-Isqof bħala Missier u Ragħaj. Fi tmiem il-qari, il-Kan. Bondì, assistit mill-Kan. Vigarju Kurat Zammit u d-Dekan Refalo, tala' fuq it-tron u mlibbes ilbies pontifikali, bil-mitra u l-baklu intona l-Innu ta' Ringrazzjament 'l Alla; imbagħad, innażża' mill-"abiti pontificali", inxteħet għar-rkobbtejh quddiem l-artal u ħa l-ġurament. Fl-aħħarnett, akkompanjat biss mid-Delegat, dar mal-knisja, daħal fl-"Aula Capitolare" u fis-Sagristija u hawn qara l-ismijiet ta' l-Uffiċjali tal-Kurja.

23 ta' Ottubru: fis-7 a.m. bdiet ħierġa l-purċissjoni mill-Knisja Kattidrali; quddiem imxew il-fratellanzi bl-istendardi, warajhom il-patrijiet, il-kappillani, il-vigarji kurati, il-kleru tad-Dijoċesi, il-Kapitlu tal-Għarb u fl-aħħarnett il-Kapitlu tal-Kattidral. Waslet il-purċissjoni fejn is-Salib ta' Flora, f'kappella mwaqqfa apposta għal din iċ-ċirkostanza kien hemm jistenna Mons. Buttigieg b'ilbies pontifikali li kien għadu kif wasal mill-Kunvent tal-Kappuċċini f'karrozza miġbuda min-nies.

Il-purċissjoni, din id-darba bis-salib veskovili quddiem nett, reġgħet lura lejn il-Kattidral. Il-Kjeriku s-Sur Achille Pace, f'baċil tal-fidda żamm il-Bolla oriġinali tad-Dijoċesi l-Ġdida. It-triq miksija bid-damask, id-djar imżejnin, arki trijonfali u skrizzjonijiet kull fejn tixħet ħarstek. L-Isqof, riekeb fuq id-debba, miżmuma minn persunaġġi Maltin u Għawdxin, għadda minn bejn il-folol fost għajat u ċapċip itarrax, daqq ta' qniepen u tfaqqigħ ta' bombi u murtali. Fit-Tokk, minn kuruna fil-għoli miżmuma minn żewġ anġli waqa' ħafna ward dak il-waqt li Mons. Isqof wasal taħtha. Taħt ark trijonfali fil-bidu tat-Telgħa, l-Isqof waqaf jisma' indirizz moqri minn abbati ta' 12-il sena s-Sur Ġużeppi Buttigieg; iżda ġara li, iż-żagħżugħ kiser qalbu, id-dmugħ għamlu u ma setax jissokta — qanqal qalb kulħadd u sa l-istess Mons. Isqof demmgħulu għajnejh. Fejn il-bieb tal-Kastell, mit-triq il-ġdida li saret bl-awtorità tal-Gvernatur Le Marchant, Mons. Isqof niżel minn fuq id-debba u taħt il-baldakkin miżmum mill-Kappillani tal-Kor, qajl qajl, fost briju ma jaqta' xejn,

wasal fil-Kattidral u minnufih bdew jinstemgħu ħlewwa ta' melodiji armonjużi tal-Maestro di Cappella s-Sur Viċenz Bondì. Mons. Isqof wasal fuq it-Tron, imlibbes b'ilbies sagru assistit mill-Kanoniċi Kapitolari, pontifikalment, beda s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa f'atmosfera ta' l-akbar solennità u devozzjoni. Wara l-quddiesa, minn fuq it-Tron, Mons. Buttigieg ta l-ewwel Barka Pastorali. Il-poplu entużjasmat bil-ferħ wassal lil Mons. Isqof tiegħu sal-Kunvent ta' l-Agostinjani fejn sar pranzu uffiċjali għal 110 mistednin Għawdxin, Maltin u xi Ingliżi kattoliċi wkoll.

L-24 ta' Ottubru wara nofs in-nhar saru t-tiġrijiet tal-bhejjem. Triqat b'folol kbar ta' nies, galleriji, twieqi u bejt tad-dar kbira u sabiħa tas-sinjuri Bondì miżgħudin bil-mistednin, l-aħjar nies taż-żewġ gżejjer (3). Mixegħla ġenerali ma' Għawdex kollu u logħob tan-nar sabiħ maħdum dim-dilettant ir-Rev. Patri Cutajar, Agostinjan. It-Tokk, li bis-saħħa ta' Le Marchant sar qisu ġnien, kien bit-tazzi kuluriti mixgħula biż-żejt imdendlin malfriegħi tas-siġar, fin-nofs, palk tal-banda, stil gotiku, imżejjen u mixgħul mill-aħjar b'banda mużikali li tat gost wisq lin-nies biddaqq ferrieħi tagħha, galleriji mżejnin bid-damask u twieqi mixgħulin bil-lampjuni u t-tazzi taż-żejt, fuq il-bejt tal-"Banca Giuratale" kien hemm iperper l-Union Jack u taħt l-arma ta' l-Ingilterra kien hemm din il-kitba :

*Victoriae invicta Britannia Reginae, Augustae Felicissimae*
*Pii IX Pont. Max.*
*Patris Catholique Nominis Magistri Menti Consilioque*
*Singulari Benignitate Respondenti*
*Clerus, Populusque, Honores et Plausus*

Il-knisja ta' San Ġakbu kienet imżejna u mdawla u b'iskrizzjoni kbira f'ġieħ il-Papa Piju IX. Iskrizzjoni oħra saret fuq l-ark trijonfali f'ras Triq S. Ġorġ; ark ieħor twaqqaf fil-bidu tattelgħa għall-Gran Kastell u ieħor fil-bieb tal-Gran Kastell bl-arma pontifiċja ta' Piju IX u dik ta' l-Ingilterra; iskrizzjoni kbira mill-magħruf għaref Abate Dr. Giuseppe Zammit ta' Malta iddendlet fuq il-faċċata tal-Kattidral miżgħuda bit-tazzi kuluriti taż-żejt; Pjazza Savina u t-triqat Palma u San Ġorġ imżejnin bit-trofej, ħaxix u ward, piramidi u antinjoli; mis-Salib ta' Flora sal Kattidral. l-arki trijonfali wieħed jilħaq l-ieħor imżejnin

(3) Din id-dar il-lum hija l-Palazz ta' l-Isqof ta' Għawdex.

bl-armi tal-Papa, ta' l-Ingilterra, ta' Malta u ta' Għawdex, bi kliem addattat għall-okkażjoni.

25 ta' Ottubru: l-E.T. il-Gvernatur Le Marchant maż-żewġ uliedu xebbiet, ma' l-Ammirall Austin, l-Kav. Houlton, Segretarju tal-Gvern, il-Kav. G. Tagliaferro u s-Sinjura tiegħu u Impjegati għoljin oħrajn tal-Gvern, ġie Għawdex biex jifraħ personalment lil Mons. Isqof il-ġdid. Ix-Xatt kien ukoll imżejjen għall-okkażjoni bil-bandieri u l-armi ta' l-Ingilterra, Malta u Għawdex; twassal ir-Rabat, fil-karrozza miġbuda min-nies fost id-daqq mużikali u l-"urrah" ta' l-istudenti, iċ-ċapċip u l-isparar tal-musketterija; ġie milqugħ fil-Palazz Bondì minn Mons. Isqof Buttigieg, mid-Delegat Apostoliku Fernandez, il-Kapitlu tal-Kattidral il-ġdid, dak tal-Kolleġġjata tal-Għarb, il-Komunitajiet Reliġjużi u l-aqwa persunaġġi tal-Gżira.

L-awtur ta' din il-ġrajja jgħarrafna li l-E.T. Lt. Gen. Sir John Gaspard Le Marchant G.C.M.G., Gvernatur ta' Malta u d-Dipendenzi tagħha, dak in-nhar kellu laqgħa ta' prinċep mhux biss bħala r-Rappreżentant tar-Reġina Victoria imma wkoll bħala Benefattur kbir tal-Gżira ta' Għawdex (4). Infatti din l-ittra ssaħħaħ il-fehma ta' l-awtur tan-"Narrazione Storica":—

Eċċellenza — Għandi l-unur ingħarrfek li bl-aħħar posta wasluli l-atti konċistorjali tat-22 ta' Settembru, 1864, li bihom il-Q.T. il-Papa Renjanti għoġbu jgħolli l-Knisja ta' Għawdex f'Dijoċesi.

Waqt li jiena nwassal lill-E.T. din il-bxara sabiħa nitlob is-sensja sabiex infisser ir-rikonoxxenza sinċiera tiegħi billi birrikkmandazzjoni ta' l-E.T. il-Gvern tal-Maestà Tagħha għen ħafna għat-twaqqif ta' din id-Dijoċesi u wkoll għall-għażla ta' l-Ewwel Isqof fil-persuna tiegħi; u nrid ukoll ninqeda b'din l-okkażjoni sabiex niżgura lill-E.T. il-gratitudini l-iktar kbira ta' l-abitanti ta' din il-Gżira.

Din hija xhieda oħra tal-libertà u tal-protezzjoni li l-Knisja Kattolika, imħabbta bl-ikreh f'imkinijiet oħra, qiegħda tgawdi f'Malta taħt il-Kuruna Britannika u li tibqa' minquxa dejjem fil-

*(jissokta)* ...

(4) Narrazione Storica delle Feste Celebrate nell'Isola del Gozo in occasione dell'erezione della Collegiata Matrice in Chiesa Cattedrale. Bibl. Reale Misc. 673, B.N. 3, 17.

(5) Malta Observer 6th. Oct. 1864.

# Rakkont Eġizzjan

*Ta'* FREDU NICHOLAS

SEBĦET għodwa kiesħa ta' Jannar u f'wieħed minn dawk il-griebeġ maħmuġin fejn, f'xi nħawi tal-belt kbira u ewlenija ta' l-Affrika, il-Kajr — il-faqar isaltan, bil-ħruxija tiegħu kollha, kien għadu kif qam minn fuq mitraħ mixħut f'rokna, tfajjel ta' xi tnax-il sena.

Omar (dan kien l-isem tat-tfajjel) beda jħokk rasu u jmattar dirgħajh u riġlejh li kienu qishom mejtin bil-ksieħ li ġarrbu matul il-lejl. Qam kif sata' u resaq lejn mejda żgħira biex jara jekk fuqha kienx jista' jsib xi loqma li biha jitrejjaq u jtaffi xi ftit mill-ġuħ li kellu, iżda l-ħarsa miksura tiegħu waqgħet biss fuq mejda vojta. F'rokna ta' dik il-kamra, omm Omar, kienet mixħuta fuq mitraħ, safra u magħluba qisha xi ġisem mejjet li raġa' ħareġ minn qabru. L-imsejkna kellha l-marda tas-sider u għaliha l-ebda tama ma kien baqa'. Żewġha, raġel mitfugħ fl-agħar għadiet, meta kien idabbar xi ħaġa tal-flus, kien imur jaħliha fix-xorb irħis jew f'xi tipjipa tal-'ħaxix' u xejn ma kien iħabbel rasu għall-miżerja u l-mard li kellu f'daru.

F'dan l-ambjent kien qiegħed jitrabba' t-tfajjel Omar: fil-ħmieġ, fil-għera u fil-ġuħ. Mixħut fuq il-mitraħ jew fuq xi ħasira, kien joqgħod jaħseb x'kien jagħmel kieku jsib xi borża flus! Joħlom dejjem b'dawn il-ftajjar kien iġib quddiem moħħu, dgħajjef u marid bin-nuqqas ta' ikel, li kieku kien jistagħna kemm kien jimla' l-istonku tiegħu b'ikel tajjeb; kemm kien jorqod fuq sodda ratba u jiġri u jilgħab f'palazz li jibni ma' ġenb ix-xatt tan-Nil! Meta kien jilgħab mat-tfal kien dejjem ihewden li dawk kollha għad ikunu qaddejja tiegħu; lill-kbir fosthom, Ali, kien jagħmlu "maġġurdom", lil Aħmed, kap tal-kċina u lil Osman kuċċier; hu kien hekk medhi b'dan il-ħsieb li xejn ma kien jistmell li jgħid bih lil sħabu. Wieħed jista' jaħseb kif dawn l-egħfieret kienu jeħduh biċ-ċajt!

Darba, imdejjaq u mġewwaħ, iċ-ċkejken Omar telaq għal għonq it-triq waħdu. Meta ħareġ minn dak il-qasam tal-belt fejn kien il-gorboġ tagħhom, qasam magħmul minn triqat dojoq u mdaħħlin waħda fl-oħra, sab ruħu f'dik in-naħa tal-Kajr, li hija sabiħa u għanja daqs l-aqwa bliet ta' l-Ewropa jew ta' l-Amerika: *boulevards* twal u wesgħin, ħwienet kbar tal-modi,

bars, ċinematografi, u fuq kollox traffiku ta' motors, trammijiet, karozzini u popolazzjoni li tħosshom iġibulek il-mejt.

Omar beda miexi mal-folla jkaxkar riġlejh u bilkemm sata' jżomm fuqhom; iħares 'l hawn u 'l hinn bħal wieħed miblugħ u dejjem ihewden bit-teżor li għad jiġi f'idejh u li bih kien jista' jikseb dawk il-ħwejjeġ kollha li kienu għal qalbu. Fl-aħħar waqaf quddiem ħanut kbir tal-ħelu li fil-vetrina tiegħu kienu jidhru kull għamla ta' ħlewwiet mill-ifjen: pasti, torti, suflejiet, ċikkulata u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Ir-riħa li kienet ħierġa minn dak il-ħanut issuktat iddawwar ir-ras tat-tfajjel imġewwaħ. Baqa' jħares lejn il-vetrina u lejn dawk li kienu deħlin u ħerġin. Fost dawn ta' l-aħħar hu ra tfal ta' mparu ma' ommijiethom b'pasti f'idejhom u ċejċiet oħra. Dik id-dehra ssuktat tagħfaslu l-istonku tiegħu u għalhekk, bid-dmugħ ħiereġ minn għajnejh raġa' qabad il-mixja tiegħu mixtieq iktarx li tgħaffġu xi motor jew li jeħtieġlu jerġa' jidħol fil-gorboġ tagħhom.

Miexi bil-qajl u mħasseb, b'idejh marbuta fuq l-istonku tiegħu biex bħallikieku jtaffi xi ftit dak li kien qiegħed iħoss, Omar ma qalax għajnejh mill-art; donnu minn dak l-asfalt kien jistenna xi ħaġa, iżda fl-aħħar ħassu hekk għajjien li ħtieġlu jserraħ dahru mal-ħajt. Kif kien iħares 'l hawn u 'l hinn, għajnejh waqgħu fuq xi ħaġa ħamra li ma kinetx 'il bogħod minnu fl-art; mingħajr ma qagħad jaħsibha darbtejn, tbaxxa u ġabarha u liema kien il-ferħ u l-għaġeb tiegħu meta sab ħaġra ħamra magħmula bħal stilla sew bħal dawk li kien ra fil-vetrini tal-ħwienet li jbigħu l-ġawhar!

L-ħsieb tat-tfajjel malajr mar għal ommu, marida u mġewħa. "Issa l-imsejkna ommi ma tbatix iżjed għax meta nbiegħ din il-ħaġra nsiru għonja u nkun nista' nġibilha l-aħjar tobba..." hekk beda jhewden Omar x'ħin telaq b'ġirja waħda għad-dar tagħhom.

* * *

Wasal bla nifs, imbotta l-bieb u daħal. Hemm lemaħ 'l-ommu bil-qiegħda fuq il-mitraħ, b'idejha żżomm sidirha u tixgħol bħal waħda bla nifs. F'rokna oħra kien hemm ukoll missieru, bil-qiegħda fuq kaxxa, b'idejh marbuta jħares lejn is-saqaf.

Omar waqaf f'nofs il-kmajra u b'nifs maqtugħ beda jgħidilhom :

— "Araw x'sibt!... sirna għonja...!
— "X'għandek f'idek?" staqsih missieru.
— "Ġawhra li sibt fi triq kbira tal-belt"......
— "Ġibha 'l hawn"......
— "Le, dik jien sibtha......, dik tiegħi...... int tmur tbiegħha biex tisker......"
— "Għedtlek ġibha 'l hawn!......
— "Le!!"...... u kif ra lil missieru jqum għalih, dlonk telaq jiġri, iżda billi l-bieb kien magħlul ma satax jaħrab u għalhekk baqa' jiżgiċċa minn hawn għal hinn fil-kamra. Meta l-missier ra li ma jistax jaqbdu, ħassu jifga f'demmu, qabad flixkun li kien fuq il-mejda u tefgħu lil ibnu. Dan, milqut f'rasu, waqa' fl-art imgħargħar fid-demm. Missieru ġera għal fuqu, tbaxxa u ħadlu minn idu l-istilla ħamra li kien qed iżomm — il-ġawhra li kienet ser teħlishom mill-faqar! Mimli bil-ferħ, ir-raġel xegħel sulfarina biex jista' jara aħjar it-teżor li kellu f'idu, iżda wara li ħares sewwa lejn dik il-ħaġra ħamra minn fommu ħarġet dagħwa li tkexkex għax f'idu ma kellux ħaġ'oħra għajr ġugarell minn dawk li jdendlu ma' għonq it-tfal iktarx biex iżommu l-għajn ħażina 'l bogħod minnhom!
Jaħlef u jheddet refa' lit-tfajjel u qiegħdu bil-qiegħda, imma meta ħares sewwa lejn wiċċu, għajjat għajta li twaħħax għax għaraf li dik id-daqqa ta' flixkun kienet qatlet lil ibnu.

---

## NOTA TA' L-AMMINISTRAZZJONI

Infakkru lil dawk il-Membri Akkademiċi u lill-Imseħbin fi "Il-Malti" li għadhom ma bagħtux il-ħlas ta' l-abbonament tagħhom biex ma jitnikkrux iżjed jekk jixtiequ jibqgħu jieħdu r-Rivista tagħna.

# MARIJA REĠINA

*Ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

*In te misericordia, in te pietate,*
*in te magnificenza, in te s'aduna*
*quantunque in creatura è di bontate.*

DANTE.

Għaddew bl-eluf is-snin w ismek, Madonna,
baqa' bħal dija jixgħel fil-qalb tagħna,
w hekk jibqa' għal dejjem, għax għal dejjem tibqa'
tas-sema u l-art Sultana.

Int omm u xebba. Inti ħaddant miegħek
fil-għar ta' Betlem lil Ġesù tarbija,
imma fil-glorja t'omm żammejt, bla mtebbgħa,
il-warda tax-xbubija.

Fraħt u batejt: f'siegħa ta' mrar u biża'
ħrabt għall-Eġittu mbiegħed ma' Ġesù,
u rajt żmien wara n-nies ma' l-art ixxerred
il-palm fejn rifes Hu.

Imma fuq l-għolja tal-Kalvarju rajtu
lil Kristu msallab u, għalkemm sogħbiena,
f'dak il-baħar ta' wġigħ lill-bniedem ħati
urejt imħabba w ħniena.

Il-lum, Madonna, dik l-imħabba kbira
kebbes fid-dinja, għax il-ġlied rebaħna,
u b'dawl ix-xemx tal-paċi erġa', Marija,
f'kull ħin, f'kull waqt ferraħna.

Ilqa' dit-talba f'dan il-jum ta' festa,
f'dal-jum ta' ferħ, Int omm l-iżjed ħanina:
kull żmien, kull ġens isejħu Lilek jibqgħu
ta' l-univers Reġina.

12. XI. 54.

# Il-Bwiet u ta' ġo fihom

*Ta'* VINCENT CARUANA

MINN meta kont tifel minn dejjem kont inħoss xewqa li nkun naf xi jkun hemm fil-bwiet tan-nies. Tgħidux li jien ħal-liel. Jiena qiegħed ingħid biss li nħobb nkun naf x'hemm fil-bwiet ta' ħaddieħor u m'għidtilkomx li nħobb nieħu dak li jkun hemm fil-bwiet. Għalhekk tmorrux tqasqsu kontra tiegħi dak li mhux veru.

Wara din it-twissija serja lill-qarrejja nkompli fuq il-bwiet. Kif għidtilkom, jien inħobb inkun naf dak li jkun x'għandu fil-but u nixtieq li l-ħabba ta' għajnejja għandha l-qawwa tal-X-Ray biex nara dawk l-affarijiet li jkunu mgħottijin biċ-ċarruta tal-but. M'għandniex xi ngħidu, jekk xi ħadd ikollu affarijiet li ma jixtieqx jurihom—ngħidu aħna xi ittra minn għand xi ħadd għal qalbu—jiena minix sa nkun daqshekk bla prudenza li nkun irrid naf x'fiha.

In-nies ikollhom ħafna affarijiet interessanti fil-bwiet tagħhom. Nibdew mill-irġiel. Dawn kważi kollha jkollhom pakkett jew kartiera tas-sigarretti u kaxxa sulfarini jew *lighter*. Jiena *lighter* ma ngħidilhiex "qabbadija" għax jiena minix favur il-Malti safi eżaġerat. Imma ħaqqni min iġebbidli widnejja talli kont sa noħroġ barra s-suġġett u għalhekk inkompli fuq l-affarijiet li jkun hemm fil-bwiet. Is-sigarretti jew sulfarini li ssib fil-bwiet ta' l-irġiel ma tantx huma affarijiet interessanti għax kważi kull raġel ikollu bħalhom. Hekk ukoll nistgħu ngħidu għall-maktur.

Fil-bwiet ta' l-irġiel tista' ssib bosta u bosta affarijiet oħra. Tista' ssib ritratti, flus, kuruna, ktieb tal-knisja, djarju, biljetti, *fountain pen*, lapsijiet. Iżda mbagħad jista' jkun hemm affarijiet differenti. Fil-but tiegħi ġie li jkolli buttuna li tkun inqatgħetli mill-ġlekk u dil-buttuna ddum tgħidx kemm fil-but tiegħi għax kull darba ninsa ngħid 'l ommi biex tħetħieli. Fil-but ġie li jkun hemm xi ċiċra jew karawetta li wieħed jinsa jiekol.

Fil-but ta' min jiddiletta bis-sajd tista' ssib xi xlief imkebbeb fond jew pakkett snanar u miskin hu min idaħħal idejh ġo dan il-but biex jisraq u jdaħħal is-sunnara f'idejh. F'but ta' wieħed li jħobb ix-xtieli tista' ssib xi żerriegħa u xi fjura jew werqa li jkun ġabar biex jagħlaqha bejn il-folji ta' xi ktieb. Fil-but ta' min

iħobb il-mużka tista' ssib xi korda jew xi pinna tal-mandolina. Il-kollezzjonisti dejjem ikarkru fil-bwiet tagħhom l-affarijiet li minnhom iġemmgħu u għalhekk fil-bwiet tista' ssib bolol, tikketti tal-kaxxi tas-sulfarini, u affarijiet minn din ix-xorta. Mill-affarijiet li wieħed ikarkar fi bwietu tista' bosta drabi tkun taf fiex jaħdem, x'delizzju għandu u ftit jew wisq x'karattru għandu.

Nieħdu dan l-eżempju. In-nannu tiegħi dejjem kien iżomm spaga fil-but għax kultant kien jixtri xi ħaġa, igeżwirha f'karta u jkollu bżonn jorbotha biex ma tinfetaħx waqt li jkun miexi biha. Dik id-daqsxejn ta' spaga fil-but tan-nannu tixħet dawl fuq il-karattru tiegħu u turik li hu ma kienx wieħed li jixtri s-sodda meta jkollu bżonn jorqod.

Fil-bwiet tista' wkoll issib xi ħaġa li qatt ma tobsor biha. Jiena darba sibt ġebla fil-but, għax poġġewhieli sħabi biex jiċċajtaw.

Fil-but tista' ssib ukoll...... aqtgħu x'tistgħu ssibu! Din mhux żgur qiegħda tiġikom f'raskom bħal issa għalkemm ħafna huma li fil-but ikollhom waħda. Naħseb qegħdin tgħiduli: "U isa, għidilna x'inhi. Kemm sa ddum ġej biha!" Mela ħalli ngħidilkom. Fil-but tista' ssib xi toqba li minnha jaqagħlek xi sold jew tmintax irbiegħi u għandu mnejn ma jibqagħlekx flus biex tmur bil-karrozza d-dar.

L-irġiel ikollhom iżjed bwiet min-nisa. Raġel kollu aktarx erba' bwiet fil-ġlekk. Ikolu żewġt ibwiet in-naħa t'isfel, but in-naħa ta' fuq fix-xellug fejn tiddendel il-*fountain pen* jew xi maktur bil-ponta ħierġa, u but ta' ġewwa tal-ġlekk fuq il-lemin fejn aktarx jitqiegħdu affarijiet ta' karti. Fil-qalziet raġel ikollu żewġ bwiet fil-ġnub u ieħor wara għall-portafoll. Xi rġiel jagħmlu l-but ta' wara jinqafel bil-buttuna biex ma jħallux min joħdilhom il-portafoll f'xi rassa tal-folla. Hawn irġiel li jkollhom but żgħir fuq il-qadd taħt il-linja taċ-ċinturin biex qiegħdu fih xi muniti. Kif qegħdin l-affarijiet jitqiegħdu f'dak il-but l-aktar adattata għalihom.

In-nisa ma jkollhomx ħafna bwiet bħall-irġiel. Huma ġie li jkollhom żewġ bwiet taħt il-qadd li flok fil-ġnub ikun quddiem. Iżda n-nisa ma jużawx wisq il-bwiet ta' l-ilbiesi għaliex huma għandhom but speċjali li mhux imwaħħal mal-libsa. Dan huwa l-*portmoney* li n-nisa jżommu fih l-intietef tagħhom bħal stoċċ tal-*lipstick*, kaxxetta bit-terra, eċċ. Kultant il-*portmoney* ma

nafx jekk inxebbhux ma' but jew kexxun. Ġie li nara mara tiftaħ il-*portmoney*, tħares fil-mera u tibda tippittura wiċċha. Hawnhekk il-*portmoney* jkun qiegħed iservilha mhux biss bħala kexxun iżda wkoll bħala gradenza tal-mera.

Qiegħed niftakar ħaġa! Osservajt li bosta nisa ma jqegħdux il-maktur fil-but iżda jdeffsuh fil-komma 'l ġewwa. Ngħid għalija jistgħu jagħmlu li jridu.

Hawn ukoll bwiet ta' l-uniformijiet. U meta n-nisa jilbsu l-uniformi huma jistgħu jlaħħqu ma' l-irġiel f'dak li hu numru ta' bwiet.

Għalkemm in-nisa ma jkollhomx bwiet daqs l-irġiel, iżda għandhom l-fama li jħobbu jfittxu fil-bwiet ta' żwiegħom.

L-iktar li jkollhom affarijiet interessanti fil-bwiet huma t-tfal. Fil-bwiet dawn ikollhom boċċi, żibeġ, ħelu, kupuni, xi suffara jew suldat taċ-ċomb u ħafna ġugarelli, żgħar biżżejjed biex jidħlu fil-bwiet. Darba f'but ta 'tifel jien sibt kaxxa tas-sulfarini mimlija nanni-koli li hu kien ġabar mill-għelieqi. Jiena aktarx naħseb li t-tifel ma kellu l-ebda ħsieb li jaħqar lil dawk il-koli, iżda xtaq iżommhom għaliex għoġbuh. Xi tfal li ma jobdux is-sibilhom saħansitra s-sigarretti fil-but. Ma jaħsbux li t-tipjip hu ħażin għal min għadu żgħir. Xi tfal ikollhom fil-but mus bil-ponta. Dan jista' jġib il-ħsara u aħjar jillimawlu l-ponta.

Il-bwiet ikunu ta' daqs differenti. But tassew kbir huwa dak li jkun hemm fil-*boiler-suit* ta' xi inġinier. F'dan il-but issib xi spanner, tornavit u għadda oħra u affarijiet li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tiegħu.

Fost l-annimali hemm ukoll wieħed li għandu but. Dan hu l-*kangaroo* li għandu but quddiem u fih ipoġġi 'l uliedu u jiġri bihom. Meta jiena kont żgħir kont nixtieq ħafna li kont *kangaroo* żgħir biex nieħu rikbiet b'xejn.

# Reċensjonijiet

**"IL-KATEKIŻMU MFISSER GHALL-ISKEJJEL"** — Minn Dun Anton Vella, S.Th.D., Ph.D. — Maħruġ mill-Uffiċċju Katekistiku Djoċesan ta' Malta. — 1954. Paġ. 72.

Dan huwa l-isbaħ ktieb bil-Malti li ħareġ din is-sena u forsi qabel ukoll: għamla, daqs, stampi u tpi ta' ġmiel u lussu. Dan il-ktieb jista' joqgħod bil-ħaqq kollu maġenb pubblikazzjonijiet oħra barranin.

Kellna u għandna bosta kotba oħra tal-Katekiżmu, imma l-ebda wieħed minnhom ma joqrob lejn dan li ħareġ issa minn Dun Anton Vella, għax dan il-ktieb hu mfassal u mibni fuq sistema xjentifiku u didattiku li jiswa ħafna għat-tagħlim tat-tfal u tal-kbar ukoll. Il-lum ma għadx hemm dik id-drawwa li t-tfal jitgħallmu d-duttrina bl-amment wara kantaliena ta' ripetizzjoni fil-klassi. Il-lum is-surmastrijiet u l-katekisti jridu mhux biss igħallmu iżda wkoll ifissru u jfiehmu l-Katekiżmu lit-tfal, iridu biex ngħid hekk, ipinġulhom quddiem għajnejhom dak li jfissrulhom bil-fomm u appuntu dan hu dak li jagħmel il-Katekiżmu ta' Vella.

Dan is-Saċerdot żagħżugħ, intelliġenti u ħabrieki studja bir-reqqa s-sistemi ta' barra u adottahom b'suċċess fil-ktieb tiegħu. Hu mhux biss igħallem it-tfal, iżda jispjegalhom u jġagħalhom iżommu f'moħħhom massmi tajba u ta' qdusija.

Il-ktieb imqassam f'lezzjonijiet li jibdew minn fuq radd is-salib u jibqgħu sejrin waħda wara l-oħra fuq suġġetti dejjem aktar għoljin sakemm igħaddu fuq it-talb, il-Kmandamenti t'Alla, is-Sagramenti, il-ħolqien, it-twelid ta' Sidna Ġesù, il-ħajja tiegħu u jispiċċaw fit-Tlugħ Tiegħu fis-Sema.

Kull lezzjoni fiha stampa sabiħa bil-kulur u tiftaħ b'invokazzjoni, wara hemm riflessjoni ta' fejda, imbagħad tiġi rieda ta' proponiment sod; terġa' hemm mistoqsijiet biex is-surmast jistħarreġ it-tfal u jara fehemx tajjeb il-lezzjoni, u wkoll spiega ta' punti istruttivi li fiha l-istampa; imbagħad hemm silta li t-tfal jeħtiġilhom jitgħallmu bl-amment u wara dik is-silta jinsabu xi erba' mistoqsijiet qishom il-"quizz" modern; kull lezzjoni tispiċċa b'att ta' proponiment u b'vers mill-Bibbja jew mill-Evanġelju. Dawn il-ħafna taqsimiet huma stampati b'tipi ta' kuluri differenti biex igħinu lit-tfal jagħżlu dak li jeħtiġilhom jitgħallmu bl-amment minn dak li jridu jaqraw biss jew li jinqdew bih għat-talb tagħhom.

Dan li għidna jagħti ftit tal-ħjiel fuq l-istudju u s-sabar li swew lill-awtur biex kiteb dan il-Katekiżmu, imma hu għandu s-soddisfazzjon li għamel opra ta' ħtieġa u ta' fejda li tiswa ta' ġid immens lilna u lil uliedna. Aħna qatt ma stajna nifhmu kif popolazzjoni Kattolika ferventi bħalna qatt ma kellna opra katekistika ferventi bħalma qatt ma kellna opra katekistika li tixraq it-tradizzjoni u l-fidi ta' pajjiżna. Kotba ta' duttrina għandna kemm irridu u minn dejjem kienu popolari ħafna f'pajjiżna; l-ewwel ktieb bil-Malti kien ktieb ta' duttrina stampat malmitejn sena ilu; imma ried ikun dan il-ktieb ta' Dun Anton biex igħolli l-istandard tat-tagħlim tal-Katekiżmu f'Malta u jġibu fil-livell ta' żvilupp didattiku u istruttiv li laħaq f'pajjiżi ċivilizzati.

Aħna l-Membri tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" għandna motiv speċjali nifirħu b'din l-opra, l-ewwelnett għax kull meta joħroġ ktieb tajjeb bil-Malti jkun bħala rebħa ġdida għall-"Għaqda" tagħna u t-tieninett għax f'dan il-ktieb hemm il-ħidma ta' wieħed mill-membri sħabna. Aħna nafu li s-Segretarju tal-"Għaqda", is-Sur Godfrey Zarb Adami, kellu sehem kbir fil-preparazzjoni u fl-istampa ta' dan il-ktieb; hu ta l-parir tiegħu u ta wkoll l-għajnuna tiegħu u din il-għajnuna tidher fl-element didattiku viswali li jispikka ħafna f'dan il-ktieb u li huwa ċertament frott ta' l-esperjenza tas-Sur Zarb Adami, l-Uffiċjal tal-"Visual Education" fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Dan hu l-ewwel ktieb, nafu li ħerġin oħrajn bħalu; nittamaw u nixtiequ li l-kotba ta' wara dan joħorġu bla dewmien għall-ġieħ tal-letteratura tagħna u għall-ġid ta' pajjiżna.—Prosit.

G.

**"L-APPOSTLU TAL-MADONNA"** — Ta' P. Elija minn Ħal Lija, O.F.M.Cap. — Empire Press, Valletta, 1954. Paġ. 82.

Kien jixraq ħafna li xi ħadd jikteb bil-Malti l-ħajja tal-Venerabbli Patri Glormu minn Forlì, Kappuċċin, l-ewwelnett għax dan il-qaddej t'Alla kien imħeġġeġ b'qima kbira lejn il-Madonna u ismu marbut mal-kult Lejha u t-tieninett għax din is-sena li aħna fiha hija s-Sena Marjana u dan il-ktieb jibqa' bħala wieħed mit-tifkiriet ta' l-entużjażmu li wera l-poplu f'din l-okkażjoni.

Dan il-ktieb fih tagħrif fuq il-ħajja ta' Patri twajjeb, Appostlu tal-Madonna, Difensur tal-glorji Tagħha u Predikatur ta' ħerqa kbira għat-tixrid tad-devozzjoni Lejha. Il-ktieb jiswa bħala mezz ta' devozzjoni għall-faraġ tar-ruħ u biex ikattar l-imħabba u l-qima lejn il-Madonna, iżda hu ta' fejda kbira wkoll jekk wieħed jnqeda bih għat-tagħlim u għall-mogħdija taż-żmien bla tarf. Biżżejjed ngħidu li f'dan il-ktieb wieħed isib mera tal-ħajja fl-Ewropa erba' mitt sena ilu, bil-gwerer, bil-għira, bil-problemi u bix-xejriet li kienu jqanqlu lill-poplu ta' dak iż-żmien.

Il-ħajja ta' Patri Glormu wettqet il-qima lejn Marija Santissima u biex ikattar dik il-qima hu nqeda bil-mezzi kollha li kienu disponibbli għal bniedem intelliġenti, nobbli u ħabrieki ta' dak iż-żmien. Il-potenza tat-Torok li lilna l-Maltin ħabbtitna tant, il-furja tal-Protestantiżmu li kienet qamet bħal riefnu kontra l-Knisja swew bħala mezzi f'idejn Patri Glormu biex hu jkattar il-ġieħ u l-qima lil Marija u biex iqiegħdilHa fuq Rasha l-kuruna ta' Sultana. Dan l-unur ġdid li bdieh Patri Glormu baqa' sal-lum mezz l-aktar sabiħ biex nagħtu ġieħ u qima lil Ommna Marija u nqdejna bih hawn Malta biex nagħalqu s-Sena Marjana meta fuq il-Fosos tal-Furjana bl-aqwa solennità inkurunajna lill-Madonna ta' Carafa.

Dan il-ktieb hu żgħir fid-daqs iżda kbir fit-tagħlim li fih u fil-ħeġġa li jqajjem fi qlub Insara u għalhekk aħna nirrikkmandawh bi ħrara kbira lill-qarrejja kollha. G.

# WERREJ GHAS-SENA 1954


**Abela, Ġużi** faċċ.

Malapropismi fl-Ilsien Malti ... 22
*Morna għall-Bebbux* ... 55
*Leħen l-Għanja tas-Skiet* ... 108

**Agius, M.**

*Lil Ommi b'Qima* ... 87

**Aquilina, Pawlu**

*Ward fuq Qabri* ... 59
*Dawl u Dija* ... 109

**Azzopardi, Ċer.**

Il-Kummiedja ... 88

**Barbara, Val. V., O.P.**

*Marija Sultana* ... 23
*O Spem Miram!* ... 27
*Nhar San Duminku* ... 61

**Biancardi, Nikol**

L-Ortografija tal-Għaqda ... 40

**Briffa, Rużar, B.Sc., M.D.**

*Il-lum u l-Bieraħ* ... 42

**Camilleri, Dun Frans**

*Imħabba u Lwien* ... 39
*Siġar* ... 74

**Cardona, G.**

Stanislaw Gatt ... 10

**Caruana, Vincent**

*Imħabba taħt Siġra* ... 55
Il-Bwiet u ta' ġo fihom ... 122

**Cassar Pullicino, Ġ.**

Traduzzjoni minn Camoens bil-Malti ... 44
Il-Qarċilla, Bejn Drawwa u Drama f'Malta ... 100

**Chetcuti, Ġużè**

Umanità ... 75
*Marija Reġina* ... 121

**Cremona, A.**

Fabbrika Ġdida tal-Malti ... 24
Varia Atque Breviora ... 28
Ix-Xebh ta' Għanja Maltija ma' Ballata Qadima Ingliża ... 67

**Editur** facċ.

*Is-Sena Marjana* ... ... ... ... ... ... ... ... 3
Sursum Corda ... ... ... ... ... ... ... ... 33
L-Alfabet tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... ... 54
Kronaka tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... ... 62
Festi fl-Irħula ... ... ... ... ... ... ... ... 65
Wara Tletin Sena ... ... ... ... ... ... ... ... 97

**Gatt, Ġużè**

Tixwixa fuq Bastiment Kursal ... ... ... ... ... ... 56
In-Nies tas-Snajja fl-Ewwel Snin ta' l-Ingliżi f'Malta ... ... 82

**Ilf**

John F. Marks ... ... ... ... ... ... ... ... 90

**Mattew, Patri, O.F.M.Capp.**

*Ma Nistriħux* ... ... ... ... ... ... ... ... 5

**Mifsud Bonnici, Rob.**

Mons. Dun Mikiel Franġisk Buttigieg, l-Ewwel Isqof t'Għawdex 112

**Nicholas, Fredu**

Rakkont Eġizzjan ... ... ... ... ... ... ... 118

**Pellegrini, V.M., LL.D.**

*Bejn Art u Oħra* ... ... ... ... ... ... ... ... 89
*Rwiefen* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 111

**Reċensjonijiet** ... ... ... ... ... ... ... ... 30, 92, 125

**Saydon, Prof. P.P., B.L.Can., D.D., Lic.S.Script.**

L-Aħħar Kelma ... ... ... ... ... ... ... ... 6

**Ungaro, Vincent**

*Lill-Madonna tas-Saħħa* ... ... ... ... ... ... ... 91

**Vassallo K.**

*Issa Li...* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 42

**Zarb Adami, G.**

Rapport Amministrativ tal-Għaqda għas-Snin 1950-51 ... ... 35

**Suppliment**

Muscat Azzopardi, Ivo, P.L.—Il-Ġarra Nkisret ... ... Ġunju

GHELUQ IT-TLETIN SENA TA' HAJJA

"IL-MALTI"

JIXTIEQ IL-HENA U R-RIŻQ

TAS-SENA L-ĠDIDA

LILL-MEMBRI U L-IMSEHBIN

BIT-TAMA

LI BIL-HIDMA U L-GHAJNUNA TAGHKOM

JIBQA' JGHIX IL-HAJJA LI GHAX SAL-LUM

TAHT XEMX LI TIDDI FUQU GHAL DEJJEM

FUQ IS-SISIEN LI FUQHOM BNEWH

IL-BENNEJJA TAL-"GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI".

JINBIEGH 1/(